# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 28**

**Avviz numru 754/00/SM**

**Louis Pace**

**vs**

**Alfred Theuma**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Jizgombra u jivvaka l-art limiti tal-Qrendi maghrufa bhala "Ta Zelliqat", l-Qrendi, tal-kejl ta' cirka tnax-il tomna u cioe' tnax-il u tlett mitt metru kwadru (12,300 m2) li tmiss minn Nofsinhar ma' proprjeta' tal-familja Magro, mill-Lvant ma' proprjeta' ta' Peter Spiteri jew l-aventi causa tieghu u mit-Tramuntana u mill-**

**Majjistral ma' proprjeta' ta' Luigi Abdilla jew l-aventi causa tieghu wara li okkorendo jigi dikjarat illi giet terminata kwalsiasi kirja ta' zewg imnasab illi hu kellu fuq prozjoni zghira ta' l-imsemmija art wara il-kogedo lilu mghoti u li ghalhekk hu qed jokkupa l-art kollha fuq imsemmija minghajr ebda titolu validu fil-ligi;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju pprezentat fit-22 ta' Settembru, 1999 u dak tad-19 ta' Mejju, 2000 kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni u bir-rizerva ghall-azzjoni ulterjuri ghad-danni li sofra u li qed isofri l-attur;**

**3. Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizzju tal-art fuq imsemmija ma jeccedix l-elf Liri Maltin (LM1000) fis-sena;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datat t-8 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi din il-Qorti m'hiex kompetenti tiddecidi l-azzjoni odjerna ghaliex l-art in kwistjoni tinkludi raba' mahdum mill-eccipjent li ghalhekk hu wkoll protett mill-Att ta' Kiri tar-Raba tal-1967;**

**2. Illi subordintament din il-Onorabbli Qorti lanqas ma hi kometenti tiddecidi dwar it-terminazzjoni tal-kirja a tenu tal-Kodici tal-Procedura Civili liema kompetenza tispetta lill-Prim Awla tal-Qorti Civili;**

**3. Illi fil-meritu l-eccipjent ghandhu titolu ta' lokazzjoni kif jikkonferma l-istess avviz promotur;**

**4. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur datata t-8 ta' Marzu tas-sena 2001;**

**Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut datata l-4 t'April tas-sena 2001;**

**Rat id-digriet taghha datat it-13 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz tieghu din il-qorti innominat lil Joseph Gaffiero bhala espert kalligrafu beix jirrelata "Alfred Theuma" kif indikat fit-talba ta' l-attur ghall-hatra ta' dan l-espert hix tal-konvenut;**

**Rat ir-relazzjoni ta' l-espert kalligrafu datata t-8 ta' Frar tas-sena 2002;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-attur huwa l-proprjetarju ta' l-art mgharufa bhala "Ta' Zelliqat", il-Qrendi imsemmija fl-avviz odjern;**

2. **Illi permezz ta' skrittura privata datata s-16 t'Awissu ta' l-1978 l-attur ta' bi qbiela lill-konvenut zewgt imnasab sitwati kif intqal fl-avviz odjern liema mnasab il-konvenut seta' juzhom kif jidhirlu;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta assodat mill-istess skrittura privata li l-oggett ta' l-istess skrittura kien unikament iz-zewgt t'imnasab hemm riferiti u xejn iktar;**

**Illi jekk ghall-grazzja tal-argument il-konvenut uza xi raba' iehor adjacenti dan ma jirrizultax li kien pattwit bejn il-partijiet fl-iskrittura fuq riferita u jirrizulta li kien biss misappropriazzjoni da parti tieghu ta' art li qatt ma apparteniet lilu;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tordna lill-konvenut jizgombra mill-art limiti tal-Qrendi mgharufa bhala "Ta' Zelliqat" kif deskritta fl-avviz odjern fi zmien xahar millum, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**